MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 353/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Mercieca)**
**Vs**
**Mark Scerri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli nhar il-Ġimgħa 4 ta’ Ġunju 2004 minn ġewwa l-ħanut ta’ Bonnici Textiles Ltd magħruf ukoll bħala Mitħna, li jinsab ġewwa Naxxar Road, B’Kara, għall-ħabta tas-sagħtejn ta’ wara nofsinhar,

1. kommetta serq ta’ ammont ta’ flus li jeċċedi il-mitt lira Maltin iżda inqas minn elf lira Maltin u dan għad-dannu tal-kumpanija Bonniċi Textiles, liema serq hu aggravat bil-valur u bil-mezz;

2. fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi, volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli għad-dannu tal-kumpanija Bonnici Textiles liema ħsara ma teċċedix il-ħamsin lira Maltija;

3. fit-8 ta’ Marzu 2004 minn ġewwa France Motor Service Petrol Station li tinsab ġewwa Żabbar Road, Fgura, għall-ħabta tas-siegħa ta’ wara nofsinhar, kkommetta serq ta’ ammont ta’ flus li jeċċedi il-mitt lira Maltin iżda inqas minn elf lira Maltin għad-dannu ta’ Louis Mizzi, liema serq hu aggravat bil-valur.

4. kiser il-provediment ta’ l-Artikolu 5 tal-Kap 152, (illum Artikolu 7 tal-Kap 446) b’sentenzi datati 18 ta’ Lulju 2002 u 25 ta’ April 2003 rispettivament u kif ukoll il-provedimenti ta’ l-Artikolu 9 tal-Kap 152 (illum Artikolu 22 tal-Kap 446) b’sentenza datata 27 ta’ Novembru 2001, fejn hu kien ġie misjub ħati ta’ reat u liberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet, sentejn u tliet snin rispettivament.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ Novembru, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 17(b), 17(h), 261(b)(c), 263, 267, 278(2), 291(g) tal-Kap. 9 u 23(1)(a) tal-Kap. 446, sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni, w ikkundannatu ghal piena ta’ prigunerija ta’ sena w ghall-hlas ta’ Euro 466 (LM200), liema multa tista’ tithallas b’rati ta’ Euro 50 fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi zmien 4 gimghat. Jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc ikun dovut kollu f’daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din tinbidel f’jum prigunerija ghal kull Euro 11.65 mhux imhallsa.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 ta’ Dicembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li thassaraha w tirrevokaha fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar gusta w ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, li jirrigwardaw biss il-piena, fil-qosor huma s-segwenti w cioe' li l-Ewwel Qorti sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena w ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv. Li l-appellant ammetta l-involviment tieghu fis-serqiet in kwistjoni sa mill-bidu meta gie interrogat. Inoltre id-derubati ma urewx ix-xewqa li jipprocedu kontra l-appellant Li din il-Qorti ghandha tordna *pre-sentencing report* peress li hu kandidat ideali ghall-mizuri kontemplati fil-Kap.446, fosthom xoghol fil-komunita'. Alternattivament ghandu jitpogga taht probation.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat it-talba tal-abbli difensur, Dr. Charmaine Cherett ghal differiment biex fil-frattemp l-appellant jara jistax jissalda maz-zewg derubati l-ammont misruq.

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi differita ghall-udjenza tal-lum b' dan li jekk isir il-hlas, dan ikun irid jigi certifikat b' ricevuti appoziti w b' dan li, jekk ikun hemm xi ricevuti, dawn ghandhom jigu prezentati b' nota mhux aktar tard mill-20 ta' Marzu, 2009;

Rat in-Nota tal-appellant tal-20 ta' Marzu, 2009, li biha esebixxa zewg ricevuti, wahda ta' France Motor Services Ltd ghall-Ewro 350, iffirmata minn Louis Mizzi (Dok. MS1) u l-ohra ghall-Ewro 650 ta' Bonnici Textiles Ltd., iffirmata minn Pacifico Bonnici (Dok. MS2).

Ghalhekk issa din il-Qorti ser tghaddi ghas-sentenza.

Illi kif intqal, dan l-appell hu limitat ghall-piena. Issa hu ormai principju rikonoxxut li din il-Qorti ma tiddisturbax il-piena li tkun inghatat minn Qorti Inferjuri, dment li dik il-

piena ma tkunx teccedi l-parametri tal-ligi jew ma tkunx manifestament esagerata fic-cirkostanzi. Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri) : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler"** [26.2.2009] :-

*"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (<u>u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti)</u> li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena".* (sottolinear ta' din il-Qorti) (Ara wkoll **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard"** [20.3.2009] App. Krim. Superjuri).

Li f' dan il-kaz il-piena erogata tirrientra sew fil-parametri tal-ligi w addirittura hija wahda miti hafna.

Illi mill-fedina penali aggornata tal-appellant jirrizulta li sa mill-1998 'l hawn hu diga instab hati diversi drabi ta' reati mill-Qrati. Apparti reati ta' sewqan perikoluz u tat-traffiku, nstab hati ripetutament ta' pussess tad-droga eroina w tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis, ta' serq, ta' ksur tal-provvediment tal-art. 9 tal-Kap.152, ta' reat kontinwat ta' falsifikazzjoni ta' atti awtentici jew pubblici jew skritturi kummercjali w ta' uzu tal-istess, ta' truffa, ta' ksur tal-probation, ta' reat kontinwat ta' serq, ta' hsarat volontarji, ta' ricettazzjoni, ta' serq b' uzu ta' *quick-cash* u ricettazzjoni, ta' serq aggravat bil-valur, ta' serq ta' flus u dana f' mhux inqas minn hdax il-kundanna separati.

Minkejja dan kollu, l-Qrati wzaw klemenza liema bhala mal-appellant u dejjem zammew lura milli japplikaw is-sanzjoni tal-piena restrittiva tal-liberta' fil-konfront tieghu w minnflok irrikorrew ripetutament ghall-liberazzjonijiet kondizzjonati, probation, sentenzi sospizi u kulltant xi multa hafifa. Jidher pero' li dan ma sewa' proprju ghal xejn hlief biex tizdied l-istatistika tar-reati f' dan il-pajjiz.

Altru li l-Qrati ppruvaw juzaw l-id tar-riforma mal-appellant. Izda jidher li wasal iz-zmien li dan jifhem darba ghal dejjem li ghall-ksur tal-ligi kriminali hemm ukoll is-sanzjoni penali w mhux biss it-twissijiet u opportunitajiet ghar-riforma li ntuzaw s' issa assolutament bla ebda success.

Illi din il-Qorti ma tarax li fic-cirkostanzi u f' dan l-istadju ta' appell ghandha ghalfejn tordna xi *pre-sentencing report* ghaliex, fl-ewwel lok, dan suppost li gie mitlub quddiem l-Ewwel Qorti w mhux f' dan l-istadju li hu biss stadju ta' revizjoni. F' kull kaz, meta wiehed jezamina l-fedina penali tal-appellant tara li dan ikun ezercizzju inutili.

Illi pero' mill-banda l-ohra l-appellant, fil-mori ta' dan l-appell, ipprevalixxa ruhu miz-zmien li taghtu din il-Qorti biex ihallas lura lid-derubati w fil-fatt issa l-ammont minnu *ex admissis* misruq, gie imhallas lura lid-derubati (Dok. MS 1 u MS2). Illi din ic-cirkostanza pozittiva li twettqet biss fil-mori ta' dan l-appell fuq rakkomandazzjoni ta' din il-Qorti, ghandha twassal ghall-temperament fil-piena erogata fid-dawl tas-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) appena hawn fuq citati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, prevja li tichad it-talba ghall *pre-sentencing report*, tilqa' l-appell u fil-waqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet u l-addebiti kollha dedotti kontra tieghu, tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta' sena prigunerija w multa ta' Ewro 466 (LM200) u minnflok tikkundannah ghall-piena ta' disa' xhur prigunerija w multa ta' Ewro 300, b' dan li l-multa tista' tithallas b' rati ta' Ewro 50 fix-xahar u b' dan li l-ewwel pagament ta' hamsin Ewro (€50) ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-appellant jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b' din is-sentenza erogata w, ghall-dan il-fini, r-Registratur ghandu jivverifika ma' l-awtoritajiet karcerarji din id-data. Jekk xi pagament jew parti minnu ma jithallasx puntwalment, il-bilanc ikun dovut kollu f' daqqa immedjetament u jekk xi parti minn din il-multa tibqa' ma tithallasx, din timbidel f' jum ta' prigunerija ghal kull Ewro 11.65c mhux imhallsa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------